MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 1045/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**v**

**DAVID VELLA**
**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **DAVID VELLA** ta' sitta w ghoxrin sena bin Emanuel u Rosette nee Farrugia, imwieled Pieta nhar t-tmintax ta' Lulju 1978 u residenti 311, Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita numru 345478M u **MARIO BARBARA** ta' ghoxrin sena bin Frans u Margaret nee Barbara, imwieled Pieta nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 1984 u residenti 74, Triq Raymond Caruana, Gudja, detentur tal-karta tal-identita numru 74384M gew imressqa quddiemha akkuzati:

**Lil David Vella wahdu**

1. talli b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar l-hdax ta' Novembru 2004 minn gewwa Triq d-Dragunara f'San Giljan, bejn d-disgha w nofs ta' bil-lejl, wera l-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta ttanta jisraq vettura numru ta' registrazzjoni IBE 794 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-dannu ta' Elaine Azzopardi mill-Mosta li l-valur taghha jeccedi l-elf lira maltin, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

2. talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004 minn Triq il-Qasam, Swieqi ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar, fis-Swieqi, wera l-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta ttanta jisraq vettura numru ta' registrazzjoni tal-ghamla Punto bin-numru ta' registrazzjoni ABG 382 li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Emily Tufigno mill-Belt Valletta, liema tentattiv ta' serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

3. talli fl-istess data, hinijiet u postijiet u cirkostanzi, voluntarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura numru ta' registrazzjoni tal-ghamla Punto bin-numru ta' registrazzjoni ABG 382 u vettura numru ta' registrazzjoni IBE 794 tal-ghamla Toyota Starlet ghad-dannu tal-persuni imsemmija fl-ewwel akkuza;

4. talli bejn t-tlettax ta' Novembru 2004 u l-erbatax ta' Novembru 2004, bejn l-ghaxra w nofs ta' bil-lejl w it-tlieta w nofs ta' filghodu minn Triq Pietro Darmenia f'Pembroke ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni CBB 531 ghad-dannu ta' Colis Paris minn Tas Sliema, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

5. talli nhar l-erbatax ta' Novembru 2004 bejn l-erbgha ta' wara nofsinhar w is-sitta neqsin kwart ta' filghaxija, minn Triq ix-Xatt ta' San Gorg f'San Giljan, ikkommetta serq ta' apparat tal-Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni GBB 728 ghad-dannu ta' Etienne Darmanin minn Hal Kirkop, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

6. talli nhar s-sbatax ta' Novembru 2004 bejn s-saghtejn ta' wara nofsinhar u s-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija, minn Triq il-Kampanella f'San Gwann, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni HBA 623 ghad-dannu ta' Tracy Lee Azzopardi mir-Rabat, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

7. talli nhar s-sbatax ta' Novembru 2004 bejn s-saghtejn ta' wara nofsinhar w is-sebgha ta' filghaxija minn Triq il-Giebja, Swieqi, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni RON 711 ghad-dannu ta' Ronald Marmara minn B'Kara, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. talli nhar d-dsatax ta' Novembru 2004 bejn l-ghaxra ta' filghodu u nofsinhar neqsin kwart minn Triq il-Giebja, Swieqi, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni LCH 961 ghad-dannu ta' Claudette Welford mis-Swieqi, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

9. talli bejn d-dsatax ta' Novembru 2004 u l-ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-hdax u nofs ta' bil-lejl u l-hamsa ta' filghodu, minn Triq il-Knisja, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni CBI 094 ghad-dannu ta' Malcolm Borg mill-Gzira, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;uil

10. talli bejn d-dsatax ta' Novembru 2004 u l-ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-hdax u ghaxra ta' bil-lejl u l-erbgha ta' filghodu, minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-

ghamla Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni DRE 777 ghad-dannu ta' Andre Mifsud minn Tas Sliema, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

11. talli nhar l-ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn nofs il-lejl u ghoxrin w is-saghtejn ta' filghodu, minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni LAA 415 ghad-dannu ta' Carmel Chetcuti minn Hal Qormi, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

12. talli bejn l-ghoxrin ta' Novembru 2004 u l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2004, bejn d-disgha ta' bil-lejl u nofs il-lejl w ghaxra, minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Opel bin-numru ta' registrazzjoni EBD 454 ghad-dannu ta' Roberta Mallia mill-Gudja, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

13. talli nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn t-tlieta w nofs ta' filghaxija u l-erbgha w ghoxrin ta' filghaxija, minn Triq Michelangelo Cagiano, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Renault 19 bin-numru ta' registrazzjoni VHP 845 ghad-dannu ta' Paolo Vella minn Santa Venera, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

14. talli bejn l-wiehed w ghoxrin ta' Novembru 2004 u t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-ghaxra w nofs ta' filghaxija u s-siegha w nofs ta' filghodu, minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni LCF 984 ghad-dannu ta' Christabel Grima mill-Hamrun, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

15. talli nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2004 u l-hamsa w nofs ta' filghaxija u s-sebgha ta' filghodu, minn Triq Michaelangelo Borg, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni IBG 839 ghad-dannu ta' Francois Spiteri mill-Marsa, liema serq huwa

aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

16. talli nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn s-sitta w nofs ta' filghodu u s-saghtejn ta' wara nofsinhar minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni JBG 227 ghad-dannu ta' Daniel Zammit minn San Gwann, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

17. talli bejn s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2004 u s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-ghaxra w kwart ta' filghaxija u l-hamsa neqsin kwart ta' filghodu, minn Triq Villa Rosa, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni JAD 619 ghad-dannu ta' Rebecca Formosa mill-Imsida, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

18. talli nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-kwarta ta' wara nofsinhar w in-nofs siegha, minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni DAV 405 ghad-dannu ta' Warren Grima minn Tas Sliema, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

19. talli bejn s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2004 u t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-hdax u nofs u tlett minuti ta' bil-lejl, w t-tlieta ta' filghodu minn Triq Migbed, Swieqi, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni WIL 012 ghad-dannu ta' William Thomas Bland minn B'Kara, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

20. talli nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn nofsinhar w is-siegha ta' wara nofsinhar minn Triq Baltiku, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Volgswagon Golf bin-numru ta' registrazzjoni LEX 100 ghad-dannu ta' Alexia Balzan Demajo minn Tas Sliema, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

21. talli nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn nofsihar u s-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni GAT 535 ghad-dannu ta' Deborah Shrantz mis-Swieqi, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
22. talli nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2004 bejn l-ghaxra ta' filghodu u l-erbgha ta' wara nofsinhar minn Sqaq Lourdes, San Giljan, ikkommetta serq ta' Hi Fi u stereos minn vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni COX 225 ghad-dannu ta' Matthew Cox mill-Gzira, liema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
23. talli fl-istess dati, hinijiet u gewwa l-istess postijiet tal-Gzejjer ta' Malta, u taht l-istess cirkostanzi, voluntarjament hassasr, gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vetturi fuq imsemmija;
24. talli matul l-istess perjodu imsemmi f'diversi bnadi fil-Gzejjer Maltin, xjentement laqgha ghandu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew indahal sabiex jbieghhom jew imexxihom diversi oggetti u cioe apparat tal-Hi Fi u stereos tal-vetturi;

Semghet wkoll l-ammissjoni tal-imputat David Vella kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' Dicembru 2004.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti semghet il-Prosekuzzjoni titlob is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputati u din il-Qorti laqghet it-talba u ghaldaqstant din is-sentenza qed tinghata biss fil-konfront tal-imputat David Vella.

Semghet lid-difiza tghid fis-seduta tas-sitta ta’ Dicembru, 2004 li hija talbet l-Qorti sabiex isir assessment fuq l-imputat minhabba l-problema tad-droga sabiex b’hekk din il-Qorti tkun tista’ taghti rakkomandazzjoni sabiex dan il-vizzju mishut tal-imputat jigi indirizzat. Ghalhekk ma kienetx qed tinsisti ghall-ebda rapport iehor.

Dwar il-piena:

Il-Qorti giet mitluba sabiex tkun klementi mal-imputat ghaliex fil-fehema tad-difiza hemm ragunijiet tajba. Id-difiza sostniet illi l-imputat ghamel dak li ghamel minhabba l-problema tad-droga li ghandu u peress li gie mhajjar li jaghmel hekk mill-ko-akkuzat l-iehor. Illi hija qalet ukoll li din il-Qorti ghandu tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, l-ko-operazzjoni totali tieghu mal-Pulizija Esekuttiva u l-fatt illi r-resfurtiva giet kollha rintraccata u tinsab f’idejn il-Pulizija Esekuttiva.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ilu b’din il-problema tad-droga mill-inqas mis-sena 1996 meta gie misjub hati ta’ pussess ta’ droga Cannabis. Illi dan nonostante minn dakinhar l’hawn l-imputat tressaq l-Qorti f’hames okkazjonijiet ohra akkuzat fost akkuzi ohra

b'serq, hold-up, sekwestru ta' persuna, pussess ta' armi u ricettazzjoni u dejjem inghata probation jew multa. Illi ghalhekk l-imputat ma gharafx jisfrutta l-opportunitajiet mghotija lilu u dan ghalhiex illum jinsab l-Qorti akkuzat b'xejn inqas minn tnejn u ghoxrin serqa b'perjodu qasir bejn il-hdax ta' Novembru, 2004 u t-tmienja u ghoxrin ta' Novembru, 2004. Il-Qorti ma tistax taghti il-messagg lis-socjeta` li persuna li tammetti diversi serqiet f'cirkostanzi bhal dawn u cioe` b'fedina penali bhal din m'ghandix tmur habs, semplicement ghaliex ikkolaborat mal-Pulizija jew ghax ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri. Huwa veru illi r-resfurtiva giet kollha rekuperata pero' dan ma jfissirx li s-socjeta` ma soffrietx danni fosthom diversi hsarat volontarji fuq diversi vetturi.

Il-Qorti ghalhekk thoss li f'dawn ic-cirkostanzi illi hija ghandha tkun iebsa mal-imputat u tikkundannah ghall-piena karcerarja.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artkoli tal-ligi partikolarment l-arikoli 41(a), 42, 43, 44, 45, 69, 70, 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(b), 280, 281, 325(a), 334, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat DAVID VELLA hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddikundannah ghal piena ta' prigunerija ta' tlett snin u nofs mill-llum.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tghin lill-imputat jindirizza l-problema ta' abbuz ta' droga li huwa ghandu b'kull mezz disponibbli ghalih.**
**Il-Qorti spjiegat lil imputat l-import ta' din s-sentenza li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------